Rev 03x/24

# STATUT U STANDING ORDERS

## MALTA DARTS ASSOCIATION

## INTRODUZZJONI

Il-Malta Darts Association hasset il-ħtiega illi wasal iż-żmien li tirrevedi l-istatut tal-Assoċjazzjoni sabiex jirrifletti aktar iż-żminijiet tal-llum il-ġurnata. Inħasset il-ħtieġa illi t-Timijiet membri jkollhom aktar sehem fid-deċiżjonijiet, filwaqt li l-Eżekuttiv ikollu wkoll rappreżentanza tat-timijiet mid-diviżjonijiet kollha.

Illum il-ġurnata, wieħed irid ikun ferm aktar organiżżat u aktar professjonali u dan irid jiġi rifless fir-regolamenti tal-Assoċjazzjoni.

Hafna mill-kontenut ta' din il-publikazzjoni huwa l-bażi li fuqhom għandha timxi l-Assoċjazzjoni. Fil-fatt, din il-pubblikazzjoni ma tispjegax biss l-istatut tal-Assoċjazzjoni imma tispjega wkoll affarijiet t'importanza ġenerali fir-rigward ta' dak li għandu x'jaqsam ma din l-Assoċjazzjoni.

## IL-KUNSILL
## MALTA DARTS ASSOCIATION

KIF APPROVAT FIL-LAQGĦA ĠENERALI STRAORDINARJA 06.09.2024

**Bidu u Tmiem is-Sena Finanzjarja**

1 ta' Settembru sal 31ta' Awissu.

# SEZZJONI 1

## STATUT U STANDING ORDERS

## STATUT TAL-M.D.A.

### 1 PARTI : ISEM, KOSTITUZZJONI U OĠĠETTIVI

**1. ISEM U INDIRIZZ TAL-ASSOĊJAZZJONI**

Din l-Assoċjazzjoni għandha tissejjaħ "Malta Darts Association", u fl-interpretazzjoni ta' dawn ir-Regoli u f'xi Regoli oħra tal-Malta Darts Association, il-kliem l-Assoċjazzjoni, din l-Assoċjazzjoni, l-Assoċjazzjoni jew M.D.A. tfisser il-Malta Darts Association minnbarra meta l-kuntest ikun jitlob differenti. L-indirizz uffiċjali tas-sede tal- M.D.A. huwa: No21, Kazin tal-Banda Zejtun, Pjazza Ġroġorio Boniċi, Żejtun ZTN1051.

**2. KOSTITUZZJONI TA' ASSOĊJAZZJONI**

L-Assoċjazzjoni għandha tikkonsisti minn Timijiet li jkun lesti jilgħabu l-logħba tad-Darts skond ir-regolamenti (kif stipulat mill-World Darts Federation – W.D.F.) u jobdu r-regoli u r-regolamenti ta' l-Assoċjazzjoni hekk kif jiddeċiedi u japprova l-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni.

**3. AFFILJAZZJONI**

L-Assoċjazzjoni għandha tosserva r-regoli u By Laws tal-W.D.F. kif ukoll din l-Assoċjazzjoni għandha tħares l-awtonomija tagħħa. Għandha tkun affiljata mal-W.D.F., European Council, Kumitat Olimpiku Malti, SportsMalta u ma' għaqdiet ohra li jista' jiddeċiedi l-Kumitat Eżekuttiv minn żmien għal żmien, skond in-neċessita'.

**4. L-OĠĠETTIVI TA' L-ASSOĊJAZZJONI**

L-oġġettivi ta' l-Assoċjazzjoni huma:

a) Li torganiżża u tiżviluppa l-logħba tad-Darts fost il-membri tagħha skond l-Istatut u r-regoli tal-Assoċjazzjoni, By Laws u r-regolamenti tal-W.D.F.;

b) li torganiżża, tamministra, tikkontrolla u teżerċita dixxiplina fuq il-logħba tad-Darts fost il-membri ta'din l-Assoċjazzjoni;

c) li toħloq u tiżgura uniformita' fil-kondotta u materji a favur il-logħba tal-Darts u tessegwixxi b'effett il-By Laws u r-Regolamenti li jistgħu jiġu rranġati minn żmien għal żmien mill-M.D.A.;

d) li toħloq ħbiberija fost il-membri taghħa, uffiċjali, u plejers, kif ukoll ma' għaqdiet oħra sportivi ta' kull denominazzjoni u tkun lesta wkoll illi tgħin għall-ġid tal-isports in ġenerali;

e) li tieħu passi kontra kull min jipprova juża xi metodu jew prattika mhux konformi mal-logħba tad-Darts u tikkumbatti kull abbuż;

f) li tikkonsidra u tiddeċiedi kull materja li għandha x'taqsam mal-logħba tad-Darts fost il-membri;

g) tipprova ssib għajnuna finanzjarja biex tkun tista' ttejjeb l-organiżżazzjoni;

### II PARTI : SĦUBIJA

**5. SĦUBIJA TA' TIMIJIET**

Il-Timijiet kollha f'din l-Assoċjazzjoni għandhom jissejħu Timijiet Membri.

a) Ma hemmx limitu ta' kemm il-tim minn kull belt jew raħal jistgħu jkunu membri tal-Assoċjazzjoni. Mhux aktar minn żewġ timijiet membri jistghu jkunu gejjin minn l-istess Club jew Centru u jġorru l-istess isem bl-ittri "A" u "B" warajhom.

b) Il-Kunsill għandu d-dritt li jirrifjuta sħubija ta' timjiet jew uffiċjali kif ukoll ta' kull persuna jew persuni, kemm direttament kif ukoll indirettament, kemm il-darba ikun hemm raġun valida mal-Assoċjazzjoni nnifisha, kif ukoll mal-Clubs imsieħba.

c) Kull Tim Membru irid jgħaddi lis-Segretarju Generali, lista tal-membri tal-Kumitat rispettiv tagħhom flimkien ma' informazzjonijiet oħra mitluba mill-Amministrazzjoni mhux aktar tard minn data li tistabillixxi l-istess Amministrazzjoni. Kull korrispondenza rigward it-tim/s tintbagħat biss fl'indirizz tat-tim jew tas-segretarju u/jew permezz ta' posta eletronika. Jekk xi tim jibqa' ma jfornix l- inforamzzjoni mitluba kif spjegat sa-żmien mogħti mill-Amministrazzjoni, is-sħubija ta' dan it-tim tiġi tterminata. Is-segretarji tat-Timijiet Membri għandhom jinfurmaw lis-Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni b'xi bdil jew xi moviment fil-kumitat rispettiv fi żmien ħmistax il-ġurnata (15) mill-bdil.

d) Tim Membru li jħoss il-ħtiega li għandu jibdel l-isem tat-Tim, għandu jitlob il-permess bil-miktub.

e) Timijiet Membri għandhom jitolbu l-permess tal-Assoċjazzjoni f'kaz li jkunu jridu jaffiljaw ma xi Assoċjazzjoni oħra li torganiżża d-Darts, sabiex jieħdu sehem ukoll fil-kapmjonati tagħha. Tim li jinstab ħati ta' ksur ta' dan ir-regolament jiġi mneħħi mill-Assoċjazzjoni.

## 6. TIMIJIET ĠODDA

a) It-timijiet il-ġodda, qabel ma jiġu aċċettati biex ikunu membri ta' din l-Assoċjazzjoni, għandhom jissodisfaw lill-Kunsill li huma, kostitwiti sewwa u lesti jilagħbu d-Darts skond ir-regolament kif stipulat mill-W.D.F. u li lesti josservaw l-istatut u l-'By Laws' ta' din l-Assoċjazzoni.

b) L-Amministrazzjoni għandha taċċerta ruħa illi tims ġodda jkunu konformi kif jitlob l-Istatut.

c) Tims ġodda, meta jiġu aċċettati kif jispjega r-regolament, ikunu taħt prova għal sena.

d) L-isem tat-Tim irid jiġi approvat mill-Assoċjazzjoni.

## 7. MENSWALITA' U MEMBERSHIP FEES

a) Mhux aktar minn żewġ Timijiet Membri jistghu jkunu ġejjin minn l-istess Club jew Ċentru u jġorru l-istess isem bl-ittri "A" u "B" warajhom.

b) Kull Tim Membru, irid iħallas is-somma ta' mitejn u ħamsin euro (€250) ma' l-applikazzjoni bħala "Affiliation/Participation Fee' għal kull staġun sa mhux aktar tard minn data li tkun iffissata mill-Amministrazzjoni, Rebbieħa ta kull divizjoni ta' l-istagun precedenti ma jhalsux il-menswalita bhala premju ghar rebah tal kampjonat ta' divizjonijiet rispettivi.

Ħlas wara din id-data ma jiġix aċċettat taħt l-ebda ċirkostanza u dan ifisser li l-membership ta' dak it-tim tiġi terminata. Din is-somma tkopri l-parteċipazzjoni f'kull kompetizzjoni lokali kif ukoll r-reġistrazzjoni sa massimu ta' 13 il-plejer kull tim bil-patt li plejer waħda tkun mara.

c) Barra l-ħlas kif spjegat, kull tim irid iħallas depożitu ta' ħamsa u sebgħin euro (€75). Din is-somma tkun depożitu li tiġi mogħtija lura fl-aħħar tal-istaġun f'każ li t–tim ma jkunx ha jibqa jieħu sehem fl-istaġun ta' wara, wara li jkun informa ill-Assoċjazzjoni bil-miktub sa data stipulata mill-Amministrazzjoni.

d) Dak it-Tim li jinforma lill-Assoċjazzjoni li jkun ser ixolji wara d-data stipulata mill-Amminstrazzjoni, jitlef kull depożitu li jkun ħallas lill-Assoċjazzjoni.

## III PARTI :   ORGANI W UFFIĊJALI TA' L-ASSOĊJAZZJONI

### 8) L-AWTORITA' U L-FUNZJONIJIET

Organi w uffiċjali tal-Assoċjazzjoni

Il-poteri u l-funzjonijiet tal-Malta Darts Association huma mqassmin u applikati minn dawn l-Organi u Uffiċjali:

i) Laqgħa Ġenerali
ii) Il-Kunsill
iii) Il-President
iv) Chairman
v) L-Uffiċjali l-oħra msemmija f'Regola 12
vi) L-Eżekuttiv
vii) L-Amministrazzjoni
viii) Il-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina
ix) Il-Bord tal-Protesti
x) Il-Bord tal-Appelli
xi) Il-Kumitat jew Kummissjonijiet nominati mill-Amministrazzjoni, Eżekuttiv jew il-Kunsill

### 9) LAQGĦA ĠENERALI

L-Assoċjazzjoni għandha jkollha Laqgħa Ġenerali waħda kull sena li għandha tkun imsejħa Laqgħa Ġenerali Annwali. Laqgħat Ġenerali oħra għandhom ikunu magħrufa bħala Laqgħat Ġenerali Straordinarji.

#### IL-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

a. Il-Laqgħa Ġenerali Annwali għandha tinzamm mhux aktar tard mill-ewwel gimgħa ta' Settembru  b'din l-Aġenda

1. Qari ta' minuti ta' l-aħħar Laqgħa Ġenerali u dawk Straordinarji
2. Il-qari u l-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv
3. L-approvazzjoni tal-Balance Sheet (diga awditjata)
4. Tal-President
5. Elezzjoni ta' l-Uffiċjali (jekk ikun iż-zmien) u ħatra tal membri li ma jaċċedix sitta
6. Hatra ta' membri għall-Eżekuttiv (kull sena)
7. Ħatra ta' Awdituri
8. Emendi għall-Istatut
9. Diskussjonijiet u Deċiżżjonijiet fuq xi Mozzjonijiet li jistgħu jiġu sottomessi
10. Konferma ta' Timijiet.
11. Tlugh tal-poloz għall-istaġun li jmiss

b Is-Segretarju Ġenerali għandu javża lill-membri kollha ta' din l-Assoċjazzjoni bil-miktub, mhux anqas minn għaxart (10) ijiem qabel, bid-data u l-ħin u l-lokal tal-Laqgħa Ġenerali. Ma' dan l-avviz għanda tintbagħat ukoll, l-Aġenda li se tkun tiġi diskussa waqt il-Laqgħa w emendi għall-Istatut fil-każ li jkun hemm.

c Jekk tinħass il-ħtiega minn xi Tim Membru, li għandu jkun hemm xi bdil, żieda jew xi arranġamenti fir-regolamenti jew Standing Orders, dawn il-proposti għandhom jintbagħtu bil-miktub lis-Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni mhux aktar tard minn data mogħtija mill-Amministrazzjoni. Il-proposti għandhom iġibu l-firma tat-tim li qiegħed jipproponi kif ukoll ta' dak li qiegħed jissekonda l-proposti.

Wara li l-Eżekuttiv jiddiskuti dawn l-emendi, jiġu ċċirkolati lit-Tims Membri kollha għall-informazzjoni. L-Eżekuttiv jista' wkoll jipproponi żieda, tnaqqis jew emenda għal xi regoli eżistenti kemm fl-istatut kif ukoll fl-Istanding Orders jew fil-Playing Rules, u l-Kodiċi tad-Dixxiplina. Dawn ukoll jiġu ċċirkolati lit-Timijiet Membri biex ikollhom żmien jistudjawhom qabel ma jiġu diskussi fil-Laqgħa Ġenerali Annwali

d Il-Quorum għal-Laqgħa Generali Annwali u kull Laqgħa oħra għandu jkun ta' nofs il-membri u wieħed. Fil-każ li ma jkunx hemm quorum preżenti sa ħmistax (15) il-minuta wara, il-laqgħa tibda bil-membri prezenti.

e F’każ ta’ votazzjoni, jivvutaw biss dawk id-delegati u Membri tal-Kunsill li jirrapreżentaw lit-tim tagħhom waqt il-Laqgha u uffiċjali newtrali (jekk ikun il-każ, Il-President għandu jkollu il-“Casting Vote” f’kaz ta’ bżonn.

f Waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali ma jista’ jiġi diskuss ebda suġġett għajr dawk stipulati fl-Agenda.

g Jekk xi tim jonqos li jkun rappreżentat b’minn ta’ l-anqas membru wieħed, fil-Laqgħa Ġenerali, dan it-tim jeħel multa ta’ ħamsa u għoxrin euro (€25).

## 11. LAQGĦA ĠENERALI STRAORDINARJA

a. Il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tista’ tigi msejħa meta l-President jew il-Kunsill iħossu il-bżonn.

b. Laqgħa Ġenerali Straordinarja għandha tiġi msejħa meta erbgħin fil-mija (40%) tat-Timijiet Membri jitolbu dan, bil-miktub, lis-Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni fejn għandhom ukoll jagħtu r-raġunijiet għala din il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja għandha tissejjaħ. Din il-Laqgħa għandha tinżamm fi żmien tlett (3) gimgħat minn meta s-Segretarju Ġenerali jirċievi t-talba.

Is-Segretarju Ġenerali għandu jibghat javża lill-membri kollha mill-anqas għaxar (10) tijiem qabel id-data tal-laqgħa.

c. Jekk Laqgħa Ġenerali Straordinarja tiġi msejħa biex jimtela l-post ta’ xi uffiċjal, allura għandu jingħata tliet (3) ġimgħat żmien qabel il-Laqgħa, sabiex ikunu jistgħu jiġu milqugħa n-nominazzjonijiet għall-kariga li tkun tbattlet.

d. Kull notifika għandha tispjega l-lokalita’, id-data u l-ħin tal-Laqgħa, flimkien ma’ l-Aġenda tal-Laqgħa.

e. Għal Laqgħat Ġenerali jistgħu jattendu biss il-membri tal-Kunsill u d-Delegati tat-Timijiet Membri illi jkunu diġa’ approvati mill-Kunsill qabel il-Laqgħa Ġenerali li dawn ikollhom ukoll id-dritt tal-vot. F’każ ta’ votazzjoni, jivvutaw biss dawk id-delegati u Membri tal-Kunsill li jirrapreżentaw lit-tim tagħhom waqt il-Laqgha u uffiċjali newtrali (jekk ikun il-każ). Il-President għandu jkollu il-“Casting Vote” f’kaz ta’ bżonn Kemm il-membri tal-Kunsill kif ukoll id-delegati ma jkollhomx dritt li jipparteċipaw fil-Laqgħa Ġenerali jekk ma jkunux approvati kif jitolbu r-rregolamenti.

f. Jekk xi tim jonqos li jkun rappreżentat b’minn ta’ l-anqas membru wieħed, fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja, dan it-tim jeħel multa ta’ ħamsa w għoxrin euro (€25).

## 12. TMEXXIJA TA’ L-ASSOĊJAZZJONI

It-Tmexxija ta’ din l-Assoċjazzjoni, l-Amministrazzjoni, għandha tkun komposta minn President, Chairman, zewġ Vici Presidenti, Segretarju Ġenerali, Uffiċjal Internazzjonali, Teżorier u Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi. Dawn l-Ufficjali barra Uffiċjal ghar-Relazzjonijiet Pubbliċi, għandhom id-dritt li jezirċitaw id-dritt tal-vot f’kull laqgħa li tinżamm.

## 13. KUMITAT EŻEKUTTIV

a. Din l-Assoċjazzjoni għandu jkollha Kumitat Eżekuttiv li jkun kompost mill-Amministrazzjoni flimkien ma’ żewġ membri minn kull Diviżjoni, magħżula b’elezzjoni minn fost il-membri tal-Kunsill. Fejn hemm żewħ tims gejjin mill-istess post (Ċentru) persuna waħda biss tista toħroġ għal din il-kariga biex tirrappreżenta d-Diviżjoni. Dan l-Eżekuttiv għandu jkollu s-saħħa eżkuttiva u fil-każ li tinqala’ xi materja t’urġenza l-istess Eżekuttiv ikollu s-saħħa illi jiddeċiedi bis-setgħa kollha bla ma jirretifika quddiem il-Kunsill.

b. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jżomm laqgħat regolari matul l-istaġun sabiex isegwi l-andament tal-kampjonati kif ukoll għandu jkollu rwol ewlieni fit-tmexxija tal-Assoċjazzjoni flimkien ma’ l-Amministrazzjoni.

c. Il-membri ta’ dan l-Eżekuttiv għandhom jiġu maħtura kull sena fil-Laqgħa Ġenerali Annawali. Fil-każ li xi membru ta’ dan l-Eżekutiv jiġi nieqes fl-istaġun korrenti, il-vojt għandu jimtela minn membru ieħor li jiġi maħtur mill-kunsill għall-kumplament tas-sena jew sakemm issir il-laqgħa Ġenerali Annwali li jkun imiss u jrid ikun ta’ l-istess Diviżjoni.

d. Il-Kunsill Eżekuttiv jista’ jaħtar diversi kummissjonijiet fi ħdanu sabiex jaħdmu fuq diversi oqsma fosthom sponsorships, PR u timijiet ġodda. Dawn il-Kummissjonijiet għandhom jirraportaw il-ħidma tagħhom lill-Kunsill Eżekuttiv kif ukoll lil-Laqgħa Ġenerali Annwali.

## 14 L-UFFIĊJALITA TA' DIN L-ASSOĊJAZZJONI

i. Idejalment, l-uffiċjali ta' din l-Assoċjazzjoni għandhom ikunu newtrali, persuni mhux involuti ma' xi tim. F'każ li dan ma huwiex possibbli, persuni affiljati ma' xi tim jistgħu jokkupaw dawn il-karigi. Mhux aktar minn zewg persuni, li ġejjin mill-istess Tim jistgħu jokkupaw kariga eletta ta' uffiċjal.

ii. L-uffiċjali ta' din l-Assoċjazzjoni, minbarra s-Segretarju Ġenerali u l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, jokkupaw il-karigi rispettivi tagħhom għal żmien sentejn.

iii. Il-President, Ic-Chairman u s-Segretarju Ġenerali huma ex-offiċio ta' kull Kummissjoni jew Sotto-Kumitat li jiġi maħtur minn żmien għal żmien.

iv. Huwa d-dmir u r-responsabilita' ta' kull uffiċjal jew membru fil-Kumitat ta' kull tim fi ħdan l-M.D.A. li jinforma bil-miktub b'xi ksur ta' xi regolament li jkun qed jiġi mwettaq minn xi membru/i oħra ta' din l-Assoċjazzjoni. Dan ir-regolament ma japplikax għall-Competition Rule.

## 15. RIŻENJA TA' UFFIĊJAL

Fil-każ ta' riżenja mill-Assoċjazzjoni, tal-President jew tas-Segretarju Ġenerali, it-tmexxija tal-istess Assoċjazzjoni għandha tkompli titmexxa mill-Viċi President u l-Assistant Segretarju rispettivament, sakemm issir Laqgħa Ġenerali msejħa apposta, liema Laqgħa Ġenerali għandha tiġi mgħajjta mhux aktar tard minn tlett (3) xhur minn meta jkun ġie vakant il-post. Fil-każ li r-riżenja tkun tal-Viċi President jew tal-Kaxxier, il-Kunsill Eżekuttiv għandu jaħtar sostitut mill-Kunsill jew minn barra l-Assoċjazzjoni sakemm issir il-Laqgħa Ġenerali Annwali. F'każ ta' riżenja tas-Segretarju Ġenerali, l-Eżekuttiv għandu jagħżel persuna oħra sabiex tokkupa din il-kariga u jikseb l-approvazzjoni tal-Kunitat Eżekuttiv.

Ic-Chairman jigi mahtur mill President f'kas ta' riżenja .

## 16. BORD TAL-PROTESTI

a) (i) Din l-Assoċjazzjoni għandu jkollha Bord tal-Protesti, maħtur mill-Kumitat Eżekuttiv, li jkun kompost minn tlett membri newtrali (Chairman u żewġ membri). Ix-xogħol ta' dan il-Bord għandu jkun li jara li r-regoli kollha ta' dan l-istatut jiġu mħarsa kif jistipula fl-istess Statut.

(ii) Iċ-Chairman ta' dan il-Bord għandu jkollu l-vot ordinarju kif ukoll il-"casting vote".

(iii) Il-Bord għandu jiġi assistit mis-Segretarju Ġenerali jew minn xi persuna oħra appuntata mill-Amministrazzjoni u li din tista' tieħu parti fid-diskussjonijiet imma ma tistax tivvota.

b) Prostest magħmul minn xi tim/plejer ma jistax jiġi trattat u ma jkunx validu jekk ma jasalx personalment.

(i) Bil-miktub/email, fejn jispjega n-nuqqasijiet li t-tim irid jipprotesta dwarhom.

(ii) Ghand is-Segretarju Ġenerali ta' l-Assoċjazzjoni u jridu jkunu ffirmati mill-President jew mis-Segretarju ta' l-istess tim li jkun qed jippreżenta l-protest.

(iii) Jasal għand l-Assoċjazzjoni mhux aktar tard minn jumejn (2) ta' xogħol sas-6.30 ta' filgħaxija minn meta jkun sar in-nuqqas inkwistjoni.

(iv) Akkumpanjat b'depożitu ta' ħamsin euro (€50).

ċ) (i) Is-Segretarju Ġenerali għandu jibgħat kopja tal-protest lill-membri tal-Bord, u kopja ohra lit-tim/plejer li l-protest ikun sar kontriħ

(ii) Iċ-Chairman, mill-aktar fis possibli, għandu jiffissa d-data tas-smiegħ li l-istess data m'għandiex tkun qabel jumejn minn meta daħal il-protest, imma mhux tard li jista' jikkonflinġi mal-esiġenza tal-Kompetizzjonijiet ta' l-Assoċjazzjoni.

(iii) Id-data, il-ħin u l-post fejn se jkun se jinstema' l-protest għandhom jiġu mgħarrfa lill-membri l-oħra tal-Bord mis-segretarju mhux aktar tard minn erbgħa u ghoxrin (24) siegħa minn meta ċ-Chairman jiddetermina l-gurnata tas-smiegħ.

d) (i) Il-Bord għandu s-saħħa kollha li jirregola l-proċeduri tiegħu u għandu d-dritt li jisma' mhux biss l-evidenzi li jressqu z-zewġ partijiet konċernati, imma anke evidenzi oħra minn ħaddieħor li l-Bord iħoss li huma relevanti ghall- każ.

(ii) Il-partijiet ta' dan il-protest għandhom jipproduċu l-evidenzi sostanzjali waqt is-smiegħ. Il-Bord ma jistax jipposponi ebda każ jekk iċ-Chairman ma jkollux xi ċirkostanzi eċċezjonali, kif ukoll l-istess żmien ma jikkonflinġix ma' l-esiġenza tal-kompetizzjonijiet ta' l-Assoċjazzjoni.

(iii) Il-Bord għandu jiddelibera l-każ "in camera" mill-aktar fis. Meta l-każ ikun spiċċa mid-deliberazzjoni taż-żewġ naħat, id-deċiżjoni għandha tkun iffirmata miċ-Chairman u l-membri tal-Bord.

(iv) Id-depożitu kollu jew parti għandu jiġi mogħti lura jekk il-protest jintrebaħ minn min għamel il-protest. Fil-każ li l-protest ma jiġix milqugħ id-depożitu ma jinagħtax lura.

(v) Il-Bord jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill biex jittieħdu aktar azzjonijet fuq il-każ jew xi ħaġa oħra li tkun inqalħhet waqt is-smiegħ. Il-Bord għandu d-dmir li jagħmel dan.

(vi) Is-Segretarju Ġenerali għandu jibgħat bil-miktub mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa d-deċiżjonijiet tal-Bord lill-partijiet konċernati. Is-Segretarju għandu wkoll javza lill-Kunsill b'xi rakkomandazzjonijiet li l-Bord iħoss li kellu jagħmel lill-Kunsill, fl-ewwel darba li jiltaqa' l-Kunsill.

e) Jista' jsir appell mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Protesti quddiem il-Bord tal-Appell tal-M.D.A. (mhux fuq Playing Rules).

## 17. BORD TAL-APPELLI

a) (i) Din l-Assoċjazzjoni għandu jkollha Bord tal-Appelli, maħtur mill-Kumitat Eżekuttiv, li jkun kompost minn tlett membri newtrali (Chairman u żewġ membri). Ix-xogħol ta' dan il-Bord għandu jkun li jevalwa appelli mressqa mit-Timijiet Membri dwar deċiżżjonijiet meħuda mill-Bord ta' Protesti jew mill-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina. Dan il-Bord għandu jara illi r-regoli kollha ta' dan l-istatut jiġu mħarsa kif jistipula l-istess Statut.

(ii) Iċ-Chairman ta' dan il-Bord għandu jkollu l-vot ordinarju kif ukoll il-"casting vote".

(iii) Il-Bord għandu jiġi assistit mis-Segretarju Ġenerali jew minn xi persuna oħra appuntata mill-Amministrazzjoni u li din tista' tieħu parti fid-diskussjonijiet imma ma tistax tivvota.

b) Appell imressaq minn xi tim ma jistax jiġi trattat u ma jkunx validu jekk ma jasalx personalment.

(i) Bil-miktub/email, fejn jispjega n-nuqqasijiet li t-tim irid jipprotesta dwarhom.

(ii) Għand is-Segretarju Ġenerali ta' l-Assoċjazzjoni u jridu jkunu ffirmati mill-President jew mis-Segretarju ta' l-istess tim li jkun qed jippreżenta l-protest.

(iii) Jasal għand l-Assoċjazzjoni mhux aktar tard minn ħames t'ijiem (5) ta' xogħol sas-6.30 ta' filgħaxija mid-deċiżjoni meħuda mill-Bord ta' Protesti jew mill-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina fejn jingħata rċevuta li tkun isservi ta' evidenza li l-appell ikun wasal fiż-żmien stipulat.

(iv) Akkumpanjat b'depożitu ta' mitt euro (€100).

(v) Jekk l-appell ippreżentat ma jkunx kif spjegat hawn fuq, il-każ ma jiġix ittrattat.

(vii) Is-Segretarju Ġenerali għandu jibgħat bil-miktub mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa d-deċiżjonijiet tal-Bord lill-partijiet konċernati. Is-Segretarju għandu wkoll javża lill-Kunsill b'xi rakkomandazzjonijiet li l-Bord iħoss li kellu jagħmel lill-Kunsill, fl-ewwel darba li jiltaqa' l-Kunsill.

ċ) Id-deċizjonijiet meħuda mill-Bord tal-Appell huma finali. Jista' jsir appell biss quddiem it-Tribunal Lokali tal-isports.

## 18. IL-KUNSILL

Din l-Assoċjazzjoni għandhu jkollha Kunsill kompost minn membru ta' kull tim li anke jista' ma jkunx membru tal-Kumitat. (Fil-każ li l-Assoċjazzjoni f'xi ħin ikollha tiffunzjona l-iskema ta' Associated Members, ir-rappreżentanza tagħhom fil-Kunsill għandha tkun l-istess bħal ta' kull Tim Membru ieħor). Dawn ir-rappreżentanti jista' jkollhom sostitut wieħed, imma wieħed minnhom biss jista' jkun preżenti fil-laqgħat tal-Kunsill. Ebda skuża ma tiġi milqugħa f'każ ta' xi assenża ta' xi membru fil-laqgħat tal-Kunsill. Multa ta' ħamsa w għoxrin euro (€25) tigi mposta fuq it-tim assenti wara l-ewwel assenza u l-multa tiżdied b'għaxar euro (€10) għal kull assenza wara l-ewwel assenza. Dawn il-multi jridu jitħallsu fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tan-notifika lit-tim maħruġa mill-Assoċjazzjoni. F'kaz li l-multa ma tkunx ġiet imħallsa kif jitlob ir-regolament, il-multa tirdoppja.

(i) Ħija r-responsabilita' ta' kull tim illi jara li l-membri tiegħu ma jonqsux minn dawn il-laqgħat.

xi) F'każ li xi tim iħoss il-bżonn li għandu jibdel xi membru fil-Kunsill, jew xi sostitut tiegħu, dan għandu jiġi approvat mill-Kunsill u t-tim jiġi avżat bil-progress li jkun sar fir-rigward.

xii) Il-Quorum meħtieg għal-Lagħat tal-Kunsill għandu jkun dak ta' nofs il-membri u wieħed. Fil-kaz li dan in-numru ma jintlaħaqx sal-ħin avzat, il-laqgħa tibda ħmistax (15) il-minuta wara bin-numru li jkun hemm preżenti.

xiii) Waqt li jkun qed jiġi diskuss xi każ dwar xi tim membru, ir-rapreżentant ta' dak il-tim fil-Kunsill ma jkunx jista' jirrapreżenta lill-Club tiegħu. Id-delegat jew is-sostitut biss jidher għal dak il-Club.

xiv) F'każ ta' votazzjoni, jivvutaw biss dawk il-membri li jirrapreżentaw lit-tim tagħhom fil-Kunsill u uffiċjali newtrali (jekk ikun il-każ). Il-President għandu jkollu il-"Casting Vote" f'kaz ta' voti ndaqs.

xv) Il-Kunsill għandu jitratta l-materji kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tmexxija ta' l-Assoċjazzjoni, jara li r-regolamenti jiġu osservati u għandu jirriserva d-dritt li jressaq quddiem il-Bordijiet kompetenti kull każ li jidhirlu xieraq. Deċiżjonijiet tal-Kunsill huma finali.

xvi) Kull ilment minn xi tim għandu jiġi mressaq quddiem il-Kunsill jew l-Eżekuttiv biss. Ebda tim/plejer jew membru tal-Kunsill ma jista' jikteb, jew jippubblika jew jesklama xi lmenti kontra l-Amministrazzjoni, membri tal-Kunsill, jew kontra xi tim ta' din l-Assoċjazzjoni, kif ukoll kontra xi deċiżjonijiet jew riżoluzzjonijiet maħruga mill-Kunsill jew minn xi Bord ieħor. Ksur ta' dan ir-regolament ifisser tneħħija mill-Assoċjazzjoni.

xvii) Il-Kunsill ghandu d-dritt li jissospendi xi kompetizzjoni bl-għan li jiġu organizzati logħobiet ma xi tims strangieri jekk tinqala' l-okkażjoni. Dan jista' jsir wara li tiġi studjata s-sitwazzjoni u skond l-esiġenzi.

xviii) Il-Kunsill għandu jitlaqqa ta' mill-anqas tlett darbiet fis-sena, qabel jibda l-kampjonat, f'nofs l-istagun u qabel il-Laqgħa Ġenerali Annwali. L-Amministrazzjoni jew il-Kunsill Eżekuttiv jistgħu isejjħu laqgħat oħra tal-Kunsill jekk tinħass il-ħtiega.

## 19. PUBBLIKAZZJONI

l-Assoċjazzjoni tirriserva d-dritt li tippublika fl-istampa lokali jew b'xi mod ieħor rappporti tad-deċiżjonijiet u riżoluzzjonijiet li jkunu ttieħdu fill-Kunsill/Eżekuttiv/Bord ieħor, anke jekk b'xi mod jirriflettu fuq il-karattru jew fuq il-kondotta ta' xi tim jew uffiċjal/i, plejer/s jew dawk kollha li r-responsabilita' tagħhom taqa' taħt xi tim membru.

## 20. CHAIRMAN

Ic-Chairman hu responsabli mit-timijiet nazzjonali irgiel, niesa u youths, kompetizjonijiet internazjonali fostom il Malta international Darts Open & Masters. Jirapresenta lil MDA fi WDF, EDC u YDC. Jassisti lil President fi tmexxija tal-Assocjazjoni

## 21. SEGRETARJU ĠENERALI

a) (i) Din l-Assoċjazzjoni għandu jkollha Segretarju Ġenerali maħtur mill-Amministrazzjoni, responsabbli mid-*day to day running* ta' din l-Assoċjazzjoni. Ir-rwol ewlieni ta' dan l-uffiċjal huwa li jikkoordina x-xogħol kollu tal-Assoċjazzjoni inkluż dak ta' kull Board u/jew Sotto Kumitat. Fost affarijiet oħra huwa għandu jzomm il-minuti tal-laqgħat kollha, kemm tal-Laqgħat Ġenerali Annwali, tal-Kunsill u tal-Kumitat Eżekuttiv u dak kollu li jirrigwardja l-ħtiega ta' l-Amministrazzjoni. Dan għandu jkollu remunerazzjoni skond il-fondi ta' l-Assoċjazzjoni liema ammont jiġi deċiż mill- Amministrazzjoni).

(ii) Is-Segretarju Ġenerali ta' din l-Assoċjazzjoni għandu wkoll izomm l-informazzjoni u records tal-logħobiet kompetittivi kollha; ma' dawn ir-records għandhom jinżammu r-riżultati tal-logħbiet u l-iscore sheets (diġitali) kollha.

(iii) Is-Segretarju Ġenerali jista' jkollu Assistent sabiex jgħinu fil-ħidma tiegħu. Din il-persuna għandha tintagħżel minn fost il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv jew tiġi co-opted minn barra. F'kaz li tiġi co-opted, din il-persuna ma jkolliex dritt għal vot u tiġi approvata mill-Kumitat Eżekuttiv.

## 21. TEŻORIER

a) It-Teżorier huwa fl-obbligu li jżomm il-kotba finanzjarji tal-Assoċjazzjoni. F'kull Laqgħa Ġenerali Annwali għandu jressaq quddiem il-laqgħa Rapport Finanzjarju dettaljat tas-sena li tkun spiċċat u l-qadgħa finanzjarja attwali ta' l-Assoċjazzjoni flimkien ma' Estimu Finanzjarju għal-istaġun ta' wara. Ħuwa għandu wkoll jieħu hsieb li r-Rapport Finanzjarju jkun iċċertifikat u ffirmat minn żewġ awdituri.

b) It-Teżorier jista' jkollu Assistent sabiex jgħinu fil-ħidma tiegħu. Din il-persuna għandha tintagħżel minn fost il-membri tal-Kunsill Eżekuttiv u tinħatar mill-Kunsill Eżekuttiv.

## 22. UFFIĊJAL GĦAR-RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI

L-Assoċjazzjoni għandha jkollha persuna responsabbli mir-relazzjonijiet pubbliċi maħtur mill-Kumitat Eżekuttiv. Idejalment din il-persuna għandha tkun midħla sew tal-ġurnaliżżmu sportiv sabiex tkun tista' tagħti coverage tajjeb tal-attivitajiet li torganizza l-M.D.A. Din il-persuna għandha tippromwovi kemm tista l-logħba tad-darts fost il-pubbliku nġenerali. Dan għandu jkollu renumerazzjoni skond il-fondi ta' l-Assoċjazzjoni liema ammont jiġi deċiż mill-Kumitat Eżekuttiv.

## 23. RAPPREŻENTANŻA QUDDIEM IL-QORTI

Il-President u s-Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni għandhom ikunu l-Uffiċjali li jidhru f'isem l-Assoċjazzjoni quddiem Qorti tal-Ligi jew f'kaz ta' Proċess Arbitrali. Il-President għandu s-setgħa li jiddelega persuna jew persuni biex jippreżentaw xi każ/i li jispjegaw ir-regolamenti. Il-President u s-Segretarju Ġenerali għandhom ikunu l-persuni li jirrapreżentaw lill-Assoċjazzjoni f'kull kuntratt li tista tidhol għalih l-Assoċjazzjoni.

**23a** L-Assoċjazzjoni għandu jkolla Avukat maħtur mill-Eżekuttiv sabiex jiddefendi l-interessi tagħha kemm fil-Bordijiet tagħha kif ukoll f'affarijiet ohra.

## IV PARTI : TIMIJIET MEMBRI

### 24. LOGĦOB TA' MĦATRI

Ebda uffiċjal, kemm tal-Assoċjazzjoni kif ukoll ta' tim u/jew plejer ma jista' jilgħab imħatri fuq xi logħob tad-Darts organiżżat minn din l-Assoċjazzjoni, **ħlief dak legali.** Il-timijiet huma responsabbli li jekk jaraw xi logħob ta' mħatri ma jħalluhx isir. Min jinqabad jikser dan ir-regolament jiġi awtomatikament sospiż immedjatament u ma jieħu ebda parti, diretta jew indiretta fl-attivitajiet tal-Assoċjazzjoni.

### 25. BORD TA' KONTROLL U DIXXIPLINA

1. L-Assoċjazzjoni għandu jkollha Bord, maħtur mill-Eżekuttiv, li jitratta l-każi kollha ta' Kontroll u Dixxiplina. Dan il-Bord għandu jkun kompost minn tlett membri newtrali (Chairman u żewġ membri). Dan il-Bord għandu jitratta kull każ ta' allegat ksur ta' regolamenti preskritti f'dan l-istatut kemm minn plejer/s, uffiċjal/i u tims ta' din l-Assoċjazzjoni.

2. Meta jinqala' l-każ iċ-Chairman ikun fid-dmir illi jsejjaħ lill-membri tal-Bord kif ukoll lill-persuna/i nvoluti fil-każ mhux aktar tard minn 10 t'ijiem minn meta dan jiġi nfurmat bil-każ. Il-persuni kollha għandhom jiġu nfurmati mhux aktar tard minn 48 siegħa bil-post u l-ħin u l-ġurnata fejn ikun ser jinstema l-każ.

3. Dan il-Bord għandu jkollu Segretarju magħzul mis-Segretarjat tal-Assoċjazzjoni li jkollu d-dritt li jieħu parti fid-diskussjoni iżda ma jkollux dritt illi jivvota fil-każ li jkun hemm il-bżonn ta' votazzjoni.

4. Il-Bord irid jara li kull każ jiġi esegwit dik il-ġurnata stess mingħajr differiment. Il-Bord jista' jiddeferi biss f'xi każi straordinarji li ma jkollux soluzzjoni imminenti għal akkuża.

5. Jekk il-parti akkużata tonqos li tkun prezenti u l-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina jkollu evidenża bizzejjed ta' xi ksur kif jispjega s-sub-artiklu 1, dan għandu jagħti l-verdett tiegħu kif ukoll il-penali li jispjegaw ir-regolmenti. l-Bord għandu wkoll il-poter li jaġġorna l-każ għal-data oħra f'kazi eċċezzjonali. Il-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina jista' wkoll jissospendi l-akkużat/i ndefinitivament sakemm jerġa' jiġi msejjaħ.

6. Id-delegati tat-timijiet għandhom ikunu l-persuni li jirrappreżentaw lit-timijiet f'każi t'allegazzjonijiet jew akkużi oħra kontra tagħhom. Fin-nuqqas ta' dawn ir-rappreżentatni, il-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina jibqa' juża' l-istess proċeduri kif spjegat fis-sub-artiklu 5. Il-Bord ikollu s-setgħa li jitratta kull każ anke fl'assenza tal-membru/i nvolut/i fil-każ.

7. Il-partijiet involuti f'dan il-każ għandhom jipproduċu l-evidenzi sostanzjali waqt is-smiegħ. Il-Bord għandu jiddelibera l-każ "in camera" mill-aktar fis. Meta l-każ ikun spiċċa mid-deliberazzjoni taż-żewġ naħat, id-deċiżjoni għandha tkun iffirmata min-Chairman u mill-membri tal-Bord.

8. Is-Segretarju Ġenerali għandu jibgħat bil-miktub mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa d-deċiżżjonijiet tal-Bord lill-partijiet konċernati. Is-Segretarju għandu javza lill-Kunsill b'xi rakkomandazzjonijiet li l-Bord iħoss li kellu jagħmel lill-Kunsill, fl-ewwel darba li jiltaqa' l-Kunsill.

9. Jista' jsir appell mid-deċiżżjoni tal-Bord ta' Kontroll u Dixxiplina quddiem il-Bord tal-Appell tal-M.D.A.

### 26. IRTIRAR JEW TNEĦĦIJA TA' XI TIM MILL-ASSOĊJAZZJONI

(i) Jekk xi tim jirtira wara li jkunu diga' telgħu l-poloz, jiġi mneħħi mill-Assoċazzjoni jew sospiż mill-Kunsill. Dan jitlef id-dritt ta' kull ħlas li jkun għamel lill-Assoċjazzjoni, inkluż id-depożitu.

### 27. PASSI LEGALI

a. Ebda tim, club, plejer jew uffiċjal ta' l-Assoċjazzjoni ma jista' jiehu passi legali kontra xi deċizjoni tal-Kunsill jew ta' xi Bord ieħor fi ħdan l-Assoċjazzjoni. Membri ta' din l-Assoċjazzjoni ma jistgħux jieħdu passi legali kontra xulxin jekk mhux bil-permess tal-Assoċjazzjoni. Dan il-permess għandu jiġi mitlub bil-miktub u biss f'każi ta' vjolenza fiżika. F'każ li dan ir-regolament ma jiġix osservat, it-Tim Membru jiġi mneħħi mill-Assoċjazzjoni.

b. Ebda persuna, membru ta' din l-Assoċjazzjoni li tibda proċess ġudizzjarju kontra persuna jew persuni, taħt l-ebda ċirkostaza ma tista' ddawwar id-deċiżjoni tagħha u tieqaf mill-proċess. Min jikser dan ir-regolament jiġi mneħħi minn kull attivita' ta' din l-Assoċjazzjoni.

c. Uffiċjali ta' timijiet membri għandhom jitolbu l-permess tal-Assoċjazzjoni, bil-miktub, fil-każ li jħossu li għandhom jieħdu passi legali kontra xi persuni, uffiċjali jew membri tal-Assoċjazzjoni, barra f'każi ta' vjolenza fiżika. Dan ir-regolament ma jinkludix spettaturi.

d. Dawk li jmorru kontra dan ir-regolament jitneħħew minn membri ta' din l-Assoċjazzjoni. Ebda membru ta' din l-Assoċjazzjoni ma jista' jieħu passi legali kontra l-Management ta' fejn jinżamm il-logħob kompetittiv jekk ma jingħatawx permess mill-Kunsill.

## 28. ATIVITAJIET SPORTIVI MINN CLUBS/TIMS MEMBRI

Fil-każ li xi tim membru jkun jixtieq li jorganiżża xi kompetizzjoni tad-Darts, kemm one day tournaments, ranking u non ranking kif ukoll kompetizzjonijiet għal żmien is-sajf (Summer League), għandu jitlob permess bil-miktub lill-Assoċjazzjoni. Fil-kaz li l-permess meħtieg jiġi mogħti, l-Organiżżaturi jridu josservaw dawn il-miżuri:

a) Il-Kompetizzjoni għanda ssir taħt l-Awspiċi tal-M.D.A.

b) L-Assoċjazzjoni jkollha d-dritt li tissorvelja kull progress waqt l-avveniment. L-Assoċjazzjoni jkollha d-dritt li tissospendi jew twaqqaf dan l-avveniment f'każi ta' xi irregolaritajiet.

## 29. DRITTIJIET TAL-AMMINISTRAZZJONI FUQ TIMIJIET AFFILJATI

L-Amministrazzjoni għandha d-dritt titlob il-kotba amministrattivi u finanzjarji kif ukoll il-kotba tal-minuti tal-laqgħat tal-kumitat ta' kull tim affiljat.

## 30. TNEĦIJJA TA' CLUBS/TIMS MINĦABBA DIXXIPLINA

Taħt ebda ċirkostanza club/tim li jiġi mkeċċi mill-Assoċjazzjoni minħabba dixxiplina m'għandu jerġa' jiġi aċċettat fl-Assoċjazzjoni **qabel perjodu ta' ħames snin**. Il-persuna/i kaġun tat-tkeċċija jiġi/u sospiż/i minn kull attivita' tal-M.D.A.

## 31. RULING

(i) Jekk xi klawsola mir-regoli kollha ta' dan l-istatut ma tkunx tista' tiġi interpretata jew jista' jkollha zewg interpretazzjonijiet, il-President jiddeċiedi liema tkun l-interpretazzjoni li għandha tittiehed (Ruling). Dan ir-"ruling" ikun finali.

(ii) F'kaz li jinħass il-bżonn li jingħata ruling kif jispjega dan ir-regolamnet, ir-ruling li jkun ġie deċiż għandu jkun ċirkolat lit-timijiet membri fi żmien ħmistax il-ġurnata mid-deċiżjoni tar-ruling. L-effett tar-ruling ikun b'effett immedjat.

## 32. STATUT

Kopja ta' dan l-istatut u r-regolamenti ta' l-Assoċjazzjoni għandha tinżamm minn kull tim affiljat għall-użu ta' l-istess tim,kif ukoll mill-membri u l-plejers tiegħu.

# V PARTI : KOMPETIZZJONIJIET TA' L-ASSOĊJAZZJONI

## 33. SET UP TAL-KOMPETIZZJONI

L-Amministrazzjoni flimkien ma' l-Eżekuttiv għandhom jiddeterminaw is-set up tal-kompetizzjonijiet fejn wara dan jiġi ppreżentat lill-Kunsill għall-informazzjoni.

### 34. IT-TERM TA' L-ISTAĠUN

L-istaġun għandu jibda mhux qabel it-tielet ġimgħa ta' Settembru u jispiċċa lejn l-ahhar ta' Mejju.

Fil-kaz ta' xi eċċezzjoni li l-Assoċjazzjoni ma jkolliex kontroll fuqha u jkun għad fadal xi logħob tal-League ta' xi diviżjoni, allura dan ikun ir-responsabilita' ta' l-Amminstrazzjoni biex issolvi din il-problema meta tinqala'. It-timijiet konċernati għandhom josservaw kull deċiżjoni ta' l-Amministrazzjoni.

### 35. KANĊELLAZZJONI TAL-ATTIVITAJIET

Jekk l-M.D.A. jkollha tħassar l-attivitajiet tagħha minħabba xi ċirkostanzi li ma jkollhiex kontroll fuqhom ez. pandemija, gwerra civili, pesta, jew xi att li jkun min Alla etc, jekk ikun intlghab sa 75% tal-loghob fil-lig Nazzjonali, il-klassifika kif tkun fil-prezent tiġi kkunsidrata ghal fini ta' rebbieha, promozzjoni u relegazzjoni.

Jekk ma jkunx intlgħab 75% izda jkun sar aktar min 50% mill-logħob tal-lig Nazzjonali, il-klassifika kif tkun fil-prezent tiġi kkunsidrata ghal fini ta' League Leaders ghal dak it-tim li jkun l-ewwel fid-diviżjoni partikolari. Dawn it-tims jingħataw t-trofew li jżomm għal sena u trofew għal tim. Ma jingħatawx trofew ghal plejers.

F'dawn iz-zewg kazi il-klassifika tal-lig tibqa tintuża għal fini tal-Playing Rule 4.04 taħt Rebħ ta' l-Unuri, Promozzjoni u Relegazzjoni, kif ukoll il-klassifika tal-Overall Player tas-Sena għal fini ta' reġistrazzjonijiet ta' plejers ghall-istaġun li jkun imiss.

Jekk ma jkunx intlgħab 50% tal-loghob tal-lig Nazzjonali, il-lig jiġi ddikjarati nulli u la jkun hemm rebbieha, promozzjoni jew relegazzjoni għall-istaġun li jkun imiss.

F'dan il-każ il-klassifika tal-lig tal-istaġun ta' qabel se tintuża għal fini tal-Playing Rule 4.04 taħt Rebħ ta' l-Unuri, Promozzjoni u Relegazzjoni, kif ukoll tintuża l-klassifika tal-istaġun ta' qabel tal-Overall Player tas-Sena għal fini ta' reġistrazzjonijiet ta' plejers għall-istaġun li jkun imiss.

Fi kwalunkwe kompetizzjoni oħra barra l-8-a-side imsemmija hawn fuq, jekk ma jintemmux jiġu ddikjarati nulli u l-punti tal-Player tas-Sena ma jinghatawx.

Fil-każi kollha ta' hawn fuq jekk ikun ghad hemm xi każ/i ta' Dixxiplina pendenti, din/dawn titkompla/jitkomplew kemm jista' jkun malgħajr wara li kollox jerġa jiġi għan normal.

### 36. UZU TA' DROGI JEW SUSTANZI PROJBITI

Kull plejer jista' mingħajr avviż bil-quddiem jiġi ttestjat għal użu ta' sustanzi jew drogi projbiti. Fil-każ li plejer jinstab pożittiv, dan jista' jeħel sospensjoni minn sena sa għomru.

Dan ir-regolament jgħodd mhux biss għal-attivitajiet organizzati mill-M.D.A., iżda wkoll għal dawk l-attivitajiet organizzati minn clubs, individwi jew organizzaturi oħra bil-permess tal-M.D.A.

Jekk plejer jirrifjuta li jiġi ttestjat, dan jiġi meqjus daqs li kieku nstab pożittiv għat-test u jeħel bħal_m'hu_mniżżel hawn fuq.

## VI PARTI : ĦLAS TA' MULTI

### 37. MULTI

(i) Kull multa mposta fuq tim jew plejers tiegħu, trid titħallas sa qabel il-logħba li t-tim ikun imissu jilgħab. Min jonqos minn dan ir-regolament u jirbaħ il-logħba jiġi mogħti telfa. F'każ li jitlef il-logħba, il-multa tirdoppja. Jekk it-tim jibqa' ma jħallsx il-multa, dan ma jitħalliex jinżel għall-logħob (sakemm m'hemmx provediment differenti

## VII PARTI : INTERPRETAZZJONI JEW TIBDIL TAR-REGOLI

### 38. TIBDIL TAL-ISTATUT TAL-ASSOĊJAZZJONI

(i) Il-Laqgħa Ġenerali Annwali, jew dik Straordinarja, hija l-uniku awtorita’ li tista’ tibdel, iżżid jew tnaqqas jew tagħmel emendi għal xi regola ta’ dan l-istatut sakemm mhux provdut mod iehor.

(ii) Il-proposti għall-bdil jew emendi oħra għal dan l-istatut għandhom jaslu għand is-Segretajru Ġenerali tal-Assoċjazzjoni mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem qabel il-Laqgħa Ġeneral Annwali biex jiġu trattati.

(iii) Il-proposti għall-emendi jistgħu isiru mill-Kunsill, Kumitat Eżekuttiv jew minn xi Tim Membru u għandhom ikunu ffirmati minn Propenent, li jagħmilhom, u minn persuna oħra li tissekondaħ. Dawn il-persuni jistgħu jkunu uffiċjali jew membri ta’ tim assoċjat fl-M.D.A.

(iv) Emendi għal dan l-Istatut jistgħu jsiru wkoll waqt il-Laqgħa Straordinarja msejħa apposta mill-Amministrazzjoni meta u jekk jinħass il-bżonn.

(v) Sittin (60) fil-mija tal-membri preżenti fil-laqgħa kif imsemmi hawn fuq hu biżejjed, għall-fini ta’ dan ir-regolament, biex emenda tiġi mplimentata f’dan l-istatut u li tista tidħol fis-sehh imedjatament.

(vi) Bdil fil-Playing Rules u Kodiċi ta’ Dixxiplina tal-Assoċjazzjoni jirrikjedu maġġoranza sempliċi tal-Kunsill. Dan it-tibdil jidħol b’effett mill-istaġun ta’ wara diment ikun sar mhux anqas min xaharejn qabel il-Laqgħa Ġenerali Annwali.

Formoli użati u li jirreferi għalihom dan l-Istatut

**Form A1 – Lista tal-Kumitat**

**Form B1 – Lista tal-membri tal-Kunsill u Delegat**

**Form C1 – Formola ta’ Reġistrazzjoni tal-Plejer**

**Form C2 – Formola ta’ Release ta’ Plejer**

## IX PARTI : XOLJIMENT U INVENTARJU

### 39. XOLJIMENT

(i) Din l-Assoċjazzjoni tista’ xxolji biss wara votazzjoni meħuda waqt Laqgħa Ġenerali msejjħa apposta fejn 75% tal-membri preżenti jivvutaw favur ix-xoljiment.

(ii) Fil-każ li din l-Assoċjazzjoni xxolji, jew tieqaf għal xi perjodu ta’ żmien, il-propjeta’ għandha tiġi fdata f’idejn il-President, is-Segretarju Ġenerali u l-Kaxxier li jkunu fil-kariga fiż-żmien tax-xoljiment sabiex jieħdu hsiebha.

(iii) L-assi tal-M.D.A. jistgħu jiġu fdati f’idejn l-ufficjali msemmija għal mhux aktar minn ħames (5) snin.

(iv) Jekk fi zmien tax-xoljiment, jew fil-perjodu li l-Assoċjazzjoni ma tkunx qed tiffunzjona u xi persuna jew persuni li kienu jagħmlu parti minnha bħala membri, juru x-xewqa li fil-kapaċita’ tagħhom jerġgħu jwaqqfu din l-Assoċjazzjoni, dan jista jseħħ. Għal dan il-għan, l-Uffiċjali li jkollhom fdati f’idejhom l-assi u l-propjeta’ tal-Assoċjazzjoni, huma fid-dmir u l-obbligu li jgħinu biex din l-Assoċjazzjoni terġa’ titwaqqaf.

(v) Fil-każ li saż-żmien stipulat, ħadd ma jkun irid jieħu r-responsabilita’ li jerġa’ jwaqqaf din l-Assoċjazzjoni, l-assi u l-propjeta’ kollha għadhom jiġu depożitati skond id-deċiżjoni tal-esekuturi.

## 40 INVENTARJU

Għandu jinżamm inventarju tal-propjeta' u l-assi kollha tal-Assoċjazzjoni u li jiġi aġġornat approvat kull sena fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.

# STANDING ORDERS TAL-LAQGĦAT ĠENERALI U LAQGĦAT TAL-KUNSILL

### 1. Il-Post tal-Laqgħat Ġenerali u Laqgħat tal-Kunsill

Laqgħat Ġenerali u Laqgħat tal-Kunsill għandhom isiru f'post identifikat mill-Amministrazzjoni.

### Awtorita' tal-President

Il-President għandu l-awtorita' li jaġġorna kull laqgħa jekk iħoss illi ma jkunx hemm materja suffiċjenti li għandha tiġi diskussa.

### 2. Lista tal-Attendenza

Is-Segretarju Ġenerali għandu jżomm lista tal-Attendenza u l-minuti ta' kull laqgħa.

### 3. Notizzji ta' Mozzjonijiet

Notifikazzjoni ta' kull mozzjoni li se tkun se tiġi mressqa għandha tintbagħat bil-miktub lis-Segretarju Ġenerali kif jispjega regolament (10) Sub. Para. C, Pagna 5.

### 4. Notifikazzjoni għal-Laqgħat

Is-Segretarju Ġenerali għandu javża bil-miktub u f'hin adekwat, lil dawk il-persuni li jkunu elliġibbli li jattendu u jinfurmhom dwar l-Aġenda li tkun ser tiġi diskussa.

F'kaz ta' urġenza u fuq deċiżjoni tal-President, in-notifika tista' tkun ta' mhux anqas minn tmienja u erbgħin (48) siegħa qabel il-laqgħa.

### 5. Ordni tal-Proceduri

Fil-laqgħat kollha, s-Segretarju Ġenerali għandu jippreżenta l-minuti tal-laqgħat precedenti, għandha tinqara kull korrispondenza, kemm dik li tintbgħat kif ukoll li tirċievi l-Assoċjazzjoni. F'kaz li s-Segretarju Ġenerali ma jattendix, l-Assistant Segretarju jinħatar floku.

### 6. Mod ta' Diskussjoni

Kull persuna li titkellem waqt il-laqgħa għandha tindirizza liċ-Chairman. Hadd ma jista' jitkellem waqt li tkun qed titkellem persuna oħra, jekk mhux fuq "point of order".

### 7. Mod ta' kif jiġu proċessati Mozzjonijiet

Il-Mozzjonijiet kollha li l-bżonn tagħhom jinqala' waqt xi laqgħa, kemm oriġinali kif ukoll emendi għalihom, għandhom, jekk ic-Chairman jordna hekk, jingħataw lis-Segretarju bil-miktub u bil-firma tal-proponent u s-sekondant. Kull membru għandu jaqra l-mozzjoni tiegħu qabel jibda jitkellem fuqha.

### 8. L-Ordni ta' kif isir id-diskors

Sakemm il-President ma jordnax xort'ohra, min iressaq xi riżoluzzjoni, ikollu d-dritt li jirrispondi dwarha u ma johroġx barra s-suġġett.

### 9. Emendi għall-Mozzjonijiet

Meta xi ħadd iressaq emenda, ħadd ma jista' jressaq emenda oħra qabel ma tiġi trattata għal kollox l-ewwel waħda. L-emendi għandhom jiġu trattati skond l-ordni kif preżentati. Kull emenda għandha tiġi preżentata fuq l-emenda oriġinali. Jekk xi emenda tiġi mwarrba u ma jkunx hemm emendi oħrajn, allura l-ewwel emenda jew il-proposta oriġinali, skond il-każ, għandha tgħaddi bħala riżoluzzjoni mgħoddija mill-kamra.

**10. Emenda ma tiġix diskussa jekk min iressaqha ma jkunx preżenti**

Jekk xi membru jew tim iressaq mozzjoni jew emenda u ma jkunx preżenti waqt il-Laqgħa Ġenerali, il-mozzjoni jew emenda ma tiġix diskussa.

**11. Deċiżjoni fuq "show of hands".**

Kull kwistjoni mqajjma waqt xi laqgħa, għandha tiġi deċiza fuq "show of hands". F'każ li xi membru jew delegat jitlob li d-deċiżjoni għandha tittieħed b'votazzjoni sigrieta, din it-talba għandha tiġi milqugħa.

**12. Ħwejjeġ imressqa jew diskussi mill-Kunsill huma meqjusa Konfidenzjali.**

Diskussjonijiet, stqarrijiet mill-membri, stqarrijiet ta' xhieda u materja oħra mressqa quddiem il-Kunsill jew xi Bord ieħor tal-Assoċjazzjoni huma meqjusa bħala konfidenzjali u kull membru preżenti waqt il-laqgħat huwa fl-obbligu li jonora dan ir-regolament. F'każ illi dan ir-regolament ma jiġix osservat, il-persuna/i u/jew it-tim jiġu sospiżi minn kull attivita' tal-M.D.A. kif ukoll imposta multa ta' mijja u ħamsin euro (€150).

**Fil-każ li tinqalgħa xi ħaġa li mhux imniżżla f'dan l-Istatut, id-deċiżjoni tal-Kunsill hi finali u inappellabbli.**